MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 872/2004

**JMR Limited**

**vs.**

**Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino (ID 726536M)**
**Christoffel Scifo Diamantino (ID 85472M)**
**Jonathan Scifo Diamantino (ID 356367M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Christoffel Scifo Diamantino u Jonathan Scifo Diamantino fejn gie premess :

Illi fit- 28 ta’ Ottubru 2004, wara talba ta’ Jennifer Sammut (K.I. 260969M) allegatament ghan- nom ta’ l- kumpannija JMR Limited, inhareg mandat ta’ sekwestru minn Onorabbli Prim’ Awla tal- Qorti Civili bin- numru 1950/04 fil-konfront taghhom (ara kopja dok. A);

Illi skond l- artiklu 8 tal-*memorandum and articles of association* tal-istess kumpannija, *the…judicial representation…shall be vested in both directors acting jointly*, u d- diretturi huma Jennifer Sammut u Terry Alan Gosden, b’ dan tal-ahhar jokkupa wkoll il- kariga ta’ segretarju (ara vera kopja dok B);

Illi wara li saru jafu bil-mandat, ir-rikorrenti ghamlu kuntatt ma’ Terry Alan Gosden li ddikjara li fic-cirkustanzi huwa kien kontra li tittiehed xi azzjoni gudizzjarja – inkluz il-hrug tal- mandat – fil-konfront tar-rikorrenti ghall-kreditu vantat u ndikat fuq l-istess mandat, peress illi fl-opinjoni tieghu l-uniku soluzzjoni kien li jsiru trattattivi bonarji mar-rikorrenti. Huwa ddikjara dan kollu f’*affidavit* hawn anness flimkien ma’ traduzzjoni bil-Malti ta’ l-istess u dikjarazzjoni guramentata ta’ minn ghamel l-istess traduzzjoni (dok B1 u B 2 hawn annessi);

Illi effettivament inoltre, fuq ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ sekwestru kontra r- rikorrenti ma hemmx il-gurament ta’ zewg diretturi ghan-nom ta’ JMR Co Limited billi hemm biss il-gurament ta’ Jennifer Sammut, u l-gurament da parti ta’ Terry Gosden huwa nieqes ghal kollox;

Illi huwa car ghalhekk li r-rikors numru 1950/04 ghal hrug ta’ mandat ta’ sekwestru ma kienx ippreparat minn JMR Co Limited skond kif rikjest fl-artikolu 831(1) tal-Kap 12 tal- Ligijiet ta’ Malta u ma nhalifx skond kif ipprovdut fl-art 181(A)(2) tal- istess Kap 12, biex b’hekk ghandu jitqies li huwa null skond l-art 831(3) tal- istess Kap 12 stante li gie mahrug minghajr ma gie mahluf kif rikjest mill-ligi; u fil- fatt fic-cirkostanzi l-gurament ta’ Jennifer Sammut ghandu jitqies bhala fatt gravi u ikrah, li jfisser li t-talba kienet wahda malizzjuza, frivola u vessatorja;

Illi ghaldaqstant l-att kawtelatorju bin-numru 1950/04 mahrug fil- konfront tar-rikorrent jista’ jigi revokat skond l-artikolu 836(1)(b) tal-istess Kap 12. Oltre dan jistghu jittiehdu l-mizuri kontra JMR Co Limited skond kif indikat fl-art 836(8)(d) tal- istess Kap 12;

Illi fil-mertu, l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* gustifikat. Fis-7 ta' Ottubru 2003 il- partijiet kienu ffirmaw konvenju bil-patt li sas-7 ta' Frar 2004 jigi ffirmat l-att ta' bejgh lil JMR Co. Limited tal-proprjeta' immobbli hemmhekk deskritta (ara kopja dok C, b' certi kliem bil-*highlights* mizjuda). L-att finali ta' bejgh baqa' ma sarx skond kif indikat fil-konvenju, biex ai termini tal-art 1 tal-istess konvenju d-depozitu in kwistjoni gie *forfeited in favour of vendors*. Jigi rilevat ukoll li JMR Co Limited lanqas biss ma pprezentat ittra ufficjali u kawza skond l-art 1357(2) tal- Kodici Civili Kap 16;

Illi ghaldaqstant l-att kawtelatorju bin-numru 1950/04 jista' jigi revokat ukoll skond l- art 836(1)(d) tal- Kap 12;

Illi oltre dan kollu, ir-rikorrenti qatt ma rcevew nterpellazzjoni sabiex ihallsu l- ammont vantat fil-konfront taghhom fi zmien 15 'il- gurnata qabel ma gie prezentat ir-rikors ghall-hrug tal- mandat: l-ittra ufficjali mahruga fil-konfront taghhom fl- 10 ta' Settembru 2004 (cjioe' aktar minn 15 'il gurnata qabel ma gie prezentat ir- rikors ghall-hrug tal- mandat) lanqas biss ma giet lilhom notifikata, dan kif muri mir- referti relattivi (ara dok "D" hawn anness). Di piu', ma kien hemm ebda raguni ta' urgenza 'l ghala kellu jinhareg dan il- mandat. Dan kollu jista' jigi kastigat skond l- art 836(8)(b) tal- Kap 12;

Illi fl- ahharnett jigi rilevat li skond l- informazzjoni li ghandhom ir-rikorrenti u li nghata lilhom minn Terry Alan Gosden, JMR Co Limited lanqas biss ma ghandha assi bizzejjed sabiex tkun tista' tirrifondi l-ispejjez tar-rikorrenti f' dawk il- proceduri, il-penali li ser tigi hawn mitluba, oltre ghal kwalunkwe dannu li r-rikorrenti jistghu jitolbu skond l-art 836(9) tal- Kap 12;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

ai termini tal-art 836(1)(b) u, jew (d) tal- Kap 12 tal- Ligijiet ta' Malta, tordna ir-revoka fil-konfront taghhom tal-mandat ta' sekwestru numru 1950/04 mahrug mill- Prim' Awla tal-Qorti Civili fit 28 ta' Ottubru 2004;

ai termini tal-art 836(8)(b) u, jew (d) tal- istess Kap 12, tikkundanna lil JMR Co Limited ghall- hlas favur l-esponenti, ta’ penali ta’ bejn Lm500 u Lm3,000 skond kir il-Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkustanzi;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Novembru 2004;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti Christoffel Scifo Diamantino u Jonathan Scifo Diamantino, fir-rikors promotur, jghamlu referenza ghal mandat ta’ sekwestru (numru 1950/04) li gie ottjenut kontra taghhom mis-socjeta intimata JMR Limited. Inoltre huma jghamlu referenza ghal-*memorandum and articles of association* tal-istess socjeta, minn fejn jirrizulta li z-zewg diretturi flimkien jirrappresntaw is-socjeta f’atti gudizzjarji. Iz-zewg diretturi huma Jennifer Sammut u Terry Alan Gosden. L-imsemmi Terry Alan Gosden, f’affidavit, stqarr li huwa ma ridtx li jinhareg l-imsemmi mandat. Ir-rikorrenti jkomplu jippremettu li ghalhekk il-mandat gie ottjenut minnghajr il-gurament tal-imsemmi Gosden u hemm biss il-gurament ta’ wahda mid-diretturi. Ghalhekk, skond ir-rikorrenti, l-mandat in kwestjoni ma kienx ippreparat skond kif jipprovdi l-artikolu 831(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ma kienx konfermat bil-gurament skond kif jipprovdi l-artikolu 181(A)(2) tal-istess Kap 12, u konsegwentement il-hrug tal-mandat hu null skond l-artikolu 831(3) tal-istess Kap 12. Skond ir-rikorrenti il-fatt li r-rikors ghal hrug tal-mandat gie biss konfermat bil-gurament mid-direttur Jennifer Sammut biss irendi t-talba bhala wahda malizzjuza, frivola u vessatorja;

Fil-mertu, skond ir-rikorrenti, l-ammont indikat fir-rikors ghal hrug tal-mandat mhux *prima facie* gustifikat u ghalhekk l-att kawtelatorju in kwestjoni ghandu jigi revokat skond l- art 836(1)(d) tal- Kap 12. Barra minn hekk ir-rikorrenti jissottomettu li huma qatt ma rcevew

nterpellazzjoni in konnessjoni mal-pretensjonijiet tas-socjeta intimata vantati fir-rikors ghal hrug tal-mandat. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu li ai termini tal-art 836(1)(b) u (d) tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tigi ordnata r-revoka fil-konfront taghhom tal-mandat ta’ sekwestru in kwestjoni u ai termini tal-art 836(8)(b) u, (d) tal- istess Kap 12, li s-socjeta intimata tigi kundannata thllas favur l-esponenti, penali ta’ bejn Lm500 u Lm3,000;

Jirrizulta li r-rikors bit-talba ghal hrug tal-att kawtelatroju in kwestjoni gie biss konfermat minn Jennifer Sammut ghan-non tas-socjeta JMR Limited. Jirrizulta ukoll li l-istatut tal-imsemmija socjeta jipprovdi li z-zewg diretturi flimkien jirrappresentawha f’atti gudizzjarji. Ghalhekk ir-rikorrenti jipprtendu li l-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni hu null. Skond dak li jipprovdi l-artikolu 181A(2) tal-Kapitolu 12 il-kontenut tar-rikors ghal hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni kellu jigi konfermat bil-gurament miz-zewg diretturi u mhux minn wahda minnhom biss. Difatti l-imsemmi artikolu jipprovdi illi kull dikjarazzjoni jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha, fil-kaz ta’ socjeta’ kummercjali, tigi konfermata bil-gurament minn dawk li ghandhom ir-rappresentanza guridika tal-istess socjeta. Ghalhekk il-hrug tal-mandat mhux wiehed regolari peress li r-rikors hu biss konfermat bil-gurament minn wiehed mid-diretturi u mhux miz-zewg diretturi, li fil-fatt flimkien ghandhom ir-rappresentanza guridika tal-istess socjeta. Ghalhekk ukoll ghandu jitqies li l-konferma bil-gurament mhux regolari. Konsegwentement il-hrug tal-mandat hu null u dana skond l-artikolu 831(3) tal-istess Kap 12, liema artikolu jipprovdi li l-mandati mahruga minnghajr din id-dikjarazzjoni mwettqa bil-gurament huma nulli;

In vista tal-premess il-mandat kawtelatorju in kwestjoni hu null ai termini tal-imsemmi artikolu 831(3) tal-Kapitolu 12. Konsegwentement mhux il-kaz li jigu esaminati l-pretensjonijiet l-ohra kollha kif kontenuti fir-rikors promotur. Ghandu jinghad ukoll li ma jirrizultawx sufficjetement ragunijiet validi ghala ghandha tigi imposta l-penali skond it-tieni talba tal-istess rikorrenti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara li l-hrug tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju (numru 1950/04) hu null ai termini tal-artikoli 181A(2) u 831(3) u ghalhekk ghandu jitqies li huwa bla effett fil-konfront tar-rikorrenti Christoffel Scifo Diamantino u Jonathan Scifo Diamantino;

Spejjez kontra s-socjeta intimata JMR Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------